# ID-DNUB TAN-NISEL

*(Mit-Tielet Lejla tas-Sahriet ta' Santu Wistin)*

O dawl fuq in-natura, o mnara tas-sema li Alla jqiegħed quddiem l-ulied tiegħu f'dan il-lejl mudlam, mexxi inti bil-ħlewwa l-passi tiegħi wara t-tagħlim tal-Kotba Mqaddsa u agħmel li jiena nikxef il-veritajjiet ta' dejjem li Alla satrilna fihom. Huwa juri bil-ferħ lilu n-nifsu lil min b'qalb siefla jissamma l-leħen tiegħu u jinħeba lill-kburin li jqimu bil-għama l-għerf ta' din id-dinja. L-iblaħ isib djamant prezjus u xejn ma jqisu, għax qoxritu kerha; isibu l-għaref u dan jiġbru bil-ferħ, inaddfu mill-qoxra kerha u jikxef fih ħaġra prezjuża. Hekk l-iblaħ kburi fil-kotba mqaddsa ma jarax għajr il-kelma bnedmija u jistmellha. Il-bniedem ta' qalb teqja jilqagħhom bil-qima u taħt is-star imqit jikxef it-tagħlim moħbi li fih huma miġburin it-teżori ta' l-Għerf t'Alla.

Hawn b'titjira ħafifa jeħodni l-ħsieb fil-jiem hienja ta' trubit id-dinja. Kien għadu jidwi l-ħoss kollu setgħan ta' dak il-leħen li mix-xejn kewwen is-sema bla qjies. Kienu għadhom mistagħġbin jilmaw il-kwiekeb bid-dija ta' l-ewwel dawl. Mit-fugħin mill-qawwa ħarrieka ta' l-ewwel darba kienu jiġru l-pjaneti fit-triqat bla tmiem għall-ġiri tagħhom magħmula min-nissiel ta' dejjem. L-art bi friegħi ġodda ta' elf sura mħaddra kienet bi kburija tifrex quddiem sema safi u ħiemed is-sbu-ħijiet tagħha li bħalhom qatt ma dehru. Mimli fi ħdanu b'għammarin ta' bla kliem kien il-baħar jilqa' mix-xmajjar il-ġieħ ta' l-ewwel ħaraġ. In-nixxiegħat żgħażagħ kienu jinżlu jgergru b'mixja mriegħda ma dhur l-iġbla u l-għasafar im-tajrin bil-ferħ fil-ħawa safja u mid-dħaħen misħutin xejn im-tiefsa, kienu jfaħħru dik il-lemin li kienet għadha kemm għa-mlithom. Il-ħolqien kollu kien għadu fil-bidu ta' dak l-innu kbir ta' tifħir li b'ilsna hekk imżewqin igħanni lill-ħallieq tiegħu ta' dejjem. Dak iż-żmien il-bniedem kien għadu sew hekk kif ħareġ mill-id tal-ħallieq tiegħu. F'ruħu kienu jiddu bla xejn imtiefsa l-għaliem xarifa (1) tal-missier tiegħu tas-sema. Ruħu kienet għadha mimlija b'dak in-nifs tal-ħajja li fiha nefaħ il-fomm t'Alla. Huwa kien igħix u l-ħwejjeġ kollha ta' madwaru kienu donnhom jagħarfuh bil-qima bħala iben xarif tal-ħallieq tagħhom. Iżda, jaħasra għal qasir żmien, ja ġnejna ta' l-hena, ja għamara għażiża, li fik Alla n-nifsu sejjaħ lil hena biex tkun is-sieħba ta' l-innocenza sabiħa għal qasir żmien inti rajt il-bniedem f'dak il-ħal imbierek, Fl-egħluq tiegħek daħlet il-ħtija. Il-ħliqa sabiħa, li qabel kienet hekk ġmila (2), saret

---

1 Xarif=*noble*, Bil-laqam ta dan l-isem huma magħrufin xi familji hawn Malta.

2 Ġmil—*beautiful*; magħha marbnta l-kelma *ġmiel*.

għax riedet il-priza tal-mostru ġiefi li, bintu hija l-mewt u, jaħasra, liema ħakma mogħliewa għandu huwa fuqha! Imkien sabiħ, inti kont xhud tal-bidla kiefra, li biha iben t'Alla, għaxqa u mħabba tiegħu, sar buxewwiex u għadu tiegħu. Inti rajt il-ħolqien li bis-sedqa jisma minn Alla, iqanqal gwerra lill-ingrat u jarma ruħu biex jagħmel vendetta mill-midneb ħati. U l-imsejken, imwaqqa' għad-daqqiet tal-ħlejjaq l-oħra, imsaffel, imtaħħat, imħaxken mill-kotra sewda tad-dwejjaq u ta' l-uġigħ, jitlaq imkeċċi għat-turrufnament iebes. Hemm id-dnub ta' bniedem wieħed fetaħ diluvju ta' hemmijiet, li baqa' nieżel dejjem fuq l-imsejkna bnedmin. Ja art, għamara ħarxa ta' l-imtarrfin, id-dawra qasira tal-jiem ta' ħajjti m'hix biżżejjed biex nibki fuq l-għawġ kollu ta' l-għammarin tiegħek. Narahom jaħdmu mgħawwġin u bla nifs l-egħlieqi tiegħek, li bix-xeħħa jroddulhom loqma ħobż għall-ħlas ta' l-għaraq ta' ġbinhom. Narahom sikwit mgħaxxin u nofs maqtulin bil-ġugħ jinxteħtu ma' l-art. Nġazz aħrax u seqi kiefer, xemx li magħduba tixħet raġġi ta' nar, sema tal-bronz jew miksi bi sħab li qatt ma jaqta' jew li maħlul jibgħat xmajjar ta' xita qerrieda, irjieħ u tempesti, theżżiż ta' l-art u dbejjeb u dud semmiem bl-imħatra bejniethom minn l-iżjed jaħqarhom. Nara l-kotra musfara u bla qjies taddeni tinxtered ma kull naħa; il-gwerra nara u l-qtajja tal-vleġeġ tal-pesta li bis-semm tagħhom jeqerdu n-nazjonijiet. Fejn hija x-xtajta magħrufa lill-bnedmin li ma damdmetx elf darba bit-tnehid tagħhom? Fejn hi l-art u t-trab tagħha m'hux imħallat mal-irmied biered tal-bnedmin mill-mewt maqtula! Imsejknin mewtin, il-ħajja tnikkitkom, il-qabar jiblagħkom: imma dawn m'humiex l-aqwa għawġ illi fuqu jiena nibki!... Wirt iżjed ikraħ urittu intom minn dak il-waqt tan-niket illi fih dineb il-missier tagħkom. Nisel ta' wieħed imrid aħna nitwieldu egħdewwa ta' Alla u l-mibegħda tiegħu—mewt iżjed qalila minn dik li tħarbat il-ġisem tat-tajn — aħna nġorru magħna mill-ewwel daħla fid-dinja.

D. K. F.